# Manifest għat-Tfal 2022

Permezz tal-irwol tiegħu fil-moniteraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali tat-Tfal, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal identifika dawk l-oqsma ta' prijorità li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex id-drittijiet tat-tfal ikunu tabilħaqq iggarantiti.

Bil-għan li jkollna Politika Nazzjonali tat-Tfal iżjed b'saħħitha, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:

- Jinkorporaw il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal fil-liġi
- Jiżviluppaw strateġija nazzjonali għad-drittijiet tat-tfal
- Iwaqqfu unità li tmexxi l-implimentazzjoni tal-istrateġija
- Jinkludu d-drittijiet tat-tfal fil-pjanijiet ta' tħejjija għall-emerġenzi nazzjonali
- Ipoġġu d-drittijiet tat-tfal fiċ-ċentru ta' kull proċess ta' taħriġ professjonali

**Sabiex it-tfal kollha jistgħu jgħixu u jikbru f' Ambjent tad-Dar iktar san, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Jidentifikaw u jgħinu permezz ta' servizzi xierqa dawk il-familji bit-tfal li għaddejjin minn diffikultajiet
- Jipprovdu ppjanar u ffinanzjar aħjar għall-kura alternattiva tat-tfal
- Jippromwovu trobbija pożittiva u trobbija kollaborattiva bejn ġenituri li m'għadhomx flimkien
- Jagħmlu l-kastig bi swat illegali fl-ambiti kollha
- Itemmu l-vjolenza domestika

**Sabiex it-tfal kollha jkollhom Benesseri Soċjali, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Isir Assessjar tal-Impatt fuq id-Drittijiet tat-Tfal bħala parti mill-proċess ta' tfassil tal-liġijiet u l-policies
- Isaħħu l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal sabiex dan ikun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu aħjar
- Iżidu l-għarfien u l-għerf dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tat-tfal
- Jinkoraġġixxu u jipprovdu iktar taħriġ għall-parteċipazzjoni tat-tfal
- Jindirizzaw il-fenomenu tal-ibbuljar u jagħtu sapport xieraq lit-tfal

**Sabiex it-tfal jgħixu f'Saħħa u Ambjent tajbin, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Inaqqsu b'mod sinifikanti l-obeżità fit-tfal billi jippromwovu ikel u attività iktar sani
- Joħolqu għarfien dwar kif it-tfal jistgħu jżommu saħħa mentali tajba
- Jindirizzaw l-użu problematiku tal-internet fit-tfal
- Joħolqu spazji pubbliċi u klabbs għaż-żgħażagħ iktar numerużi u aħjar
- Itejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-arja f' Malta

**Sabiex jitjiebu l-prospetti tat-tfal fl-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Jagħmlu l-edukazzjoni inklussiva u rispettuża tad-differenzi kollha bejn it-tfal, inkluż identitajiet sesswali u ta' ġeneru differenti
- Joħolqu sistema ta' edukazzjoni li biha t-tfal isiru studenti attivi u moħħhom miftuħ tul ħajjithom kollha kif ukoll ħassieba ħielsa u kritiċi
- Jestendu l-kura tat-tfal matul il-jum lit-tfal kollha
- Ikabbru t-taħriġ vokazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja
- Iżidu l-ħin allokat għar-rikreazzjoni waqt l-iskola u jagħtu iktar importanza lill-edukazzjoni u l-attività fiżika

**Sabiex it-tfal igawdu mid-dritt tagħhom għall-Ħin Liberu u l-Kultura, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Joħolqu postijiet xierqa u siguri għaż-żgħażagħ anke permezz tar-regolamentazzjoni tal-festini għaż-żgħażagħ
- Joħolqu spazji miftuħa, saħansitra f'żoni urbani billi jingħalqu toroq traffikużi sabiex it-tfal ikunu jistgħu jilagħbu
- Isaħħu l-isforzi biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal f'attivitajiet kulturali u tradizzjonali
- Jippromwovu attivitajiet sportivi u ta' divertiment biex iħajru t-tfal isibu bilanċ bejn il-ħajja reali u dik virtwali
- Iwaqqfu awtorità li tieħu ħsieb li tirregola l-parki ta' divertiment u l-luna parks

**Sabiex jitħares il-benesseri tat- tfal li jipparteċipaw f'kampanji politiċi u elettorali, il-Partiti Politiċi għandhom jintrabtu li:**

- Jistabbilixxu pjan għall-protezzjoni tat-tfal li jieħdu sehem f'kampanji
- Jagħtu informazzjoni lill-ġenituri u t-tfal dwar l-impatt pożittiv u dak negattiv li jista' jkun hemm
- Jiksbu l-kunsens bil-miktub tal-ġenituri u t-tfal
- Jagħmlu assessjar tal-impatt qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar is-sehem tat-tfal
- Jiżguraw il-protezzjoni ta' tfal ta' persuni politikament esposti

Dan il-Manifest għat-Tfal iġib fil-beraħ nuqqasijiet li ġew identifikati fir-rapport interim dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali għat-Tfal, liema rapport kien mibni fuq numru kbir ta' focus groups li saru mat-tfal.

Il-Manifest tfassal b'kollaborazzjoni mal-Konsulenti Żgħażagħ tal-Uffiċċju.

Ir-rapport sħiħ jista' jiġi aċċessat billi wieħed jiskenja l-kodiċi QR.

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children